MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**PETER BORG COSTANZI**

Seduta tas-6 ta' Frar, 2004

Talba Numru. 1868/2003

**Edwin Caruana**

**Vs**

**Anthony u Carmel Spiteri**

**It-Tribunal**

Ra l-Avviz ipprezentat fl-24 ta` Settembru, 2003 li permezz tieghu l-attur qed jitlob li l-konvenuti jhallsuh is-somma ta` elf lira Maltin (Lm1000) u dan billi ppremettew illi l-konvenuti bnew hajt ta` appogg liema hajt appoggja fil-proprjeta' tal-attur u dahlu fil-proprjeta' tal-istess attur. Illi skond certifikat tal-Perit Martin Farrugia l-ammont dovut huwa ta` elf lira Maltin (Lm1000).

Ra r-Risposta tal-konvenuti fejn eccepew illi t-talba tal-attur hija wahda *res judicata*, u din it-talba diga' giet respinta minn dan it-Tribunal f'kawza bejn l-istess partijiet "Anthony Spiteri u Carmel Spiteri Vs Edwin Caruana" Avviz 1807/01 deciza fl-20 ta` Frar, 2002. Illi fir-rigward

tal-kontestazzjoni fuq il-mertu huma rriferew ghall-istess kontestazzjoni minnhom imressqa fil-kawza Avviz 1807/01. Huma ziedu illi t-talba attrici hija frivola u vessatorja u talbu l-applikazzjoni tad-disposizzjonijiet tal-Artikolu 10 (3) tal-Kap 380.

Ra illi fis-seduta tat-30 ta` Jannar, 2004 il-konvenuti ezibew kopja legali tas-sentenza minnhom indikata fir-Risposta taghhom.

Ra li l-kawza giet imhollija ghad-decizjoni fuq l-imsemmija eccezzjoni preliminari.

Ra l-atti tal-kawza.

**Ikkunsidra**

Illi sabiex eccezzjoni ta` *res judicata* tigi sollevata b'success jinhtieg li jigu sodisfatti tlett kweziti, cioe *eodem res, eodem personam u eodem causa litigandi*.

Fil-kawza Avviz 1807/01 il-kawza kienet bejn: "Anthony Spiteri u Carmel Spiteri" bhala atturi u "Edwin Caruana" bhala konvenut. Bhala kawzali, t-talba rikonvenzjonali ta` Edwin Caruana kienet dwar kumpens fl-ammont ta "elf lira Maltin (Lm1000) rapprezentanti l-valur ta' art li okkupaw illegalment bil-bini taghhom l-atturi liema art tappartjeni lill-konvenut."
Illi b'paragun mal-kawza odjerna huwa evidenti li l-partijiet u r-*res* huma identici. Il-*causa litigandi* hija wkoll identika u dan johrog anke mill-fatt li mhux talli l-premessi tat-talbiet attrici huma l-istess izda anke l-kontestazzjoni minn naha tal-konvenuti fuq il-mertu u l-eventwali konsiderazzjonijiet tal-Gudikant fuq il-mertu.

L-attur qed jipprova jiehu " a second bite of the cherry" u qed jipprova jehodha mill-istess sigra. Tali agir mhux konsentit u konsegwentement minghajr ezitazzjoni t-Tribunal jidhirlu li l-eccezzjoni ghandha tigi akkolta. Ma dan it-Tribunal izid li, a skans ta` kull ekwiviku , a tenur tal-Art 3(5) tal-Att dwar it-Tribunal Ghal Talbiet Zghar huwa

evidenti wkoll li dan it-Tribunal m'ghandux gurisdizzjoni *rationae materiae* jiddeciedi t-talba attrici fil-mertu billi dan it-Tribunal qed jigi nvitat jiddeciedi jekk il-konvenuti nvadewx proprjeta' tal-attur.

Wiehed ma jistghax jifhem ghaliex l-attur ghazel biex jerga' jiftah kawza quddiem dan it-Tribunal bl-istess kawzali, sorte u punt in dibattitu. Dan huwa hela ta` hin u rizorsi tal-partijiet, tat-Tribunal u tal-Amministrazzjoni Gudizzjali - amministrazzjoni li, kif inhu ben saput, hija gja mtaqqla b'litigju sostanzjali. T-Tribunal ezamina l-Art 10(3) tal-Kap 380 li jiddisponi hekk:-

**"F'kaz ta' talba vessatorja jew frivola t-Tribunal jista' jordna lill-parti li tkun ghamlitha biex thallas lill-konvenut penali ta' mhux izjed minn mitt lira, liema penali tkun dovuta bhala dejn civili."**

F'dan il-kaz it-talba fil-mertu ma tistghax tigi meqjusa bhala frivola. Li hu pero vessatorju huwa l-fatt li l-attur ghogbu jressaq din il-kawza meta kien jaf li dan it-Tribunal kien gja qallu biex ma jersaqx quddiemu fuq din il-kwistjoni. Ghal dan it-Tribunal din it-talba hija vessatorja u jidhirlu li ghandhom jigu applikati in parti s-sanzjonijiet kontemplati fil-ligi fl-ammont ta` hamsa u ghoxrin lira Maltin (Lm25).

Ghal dawn il-motivi t-Tribunal jiddeciedi, kif gja kellu okkazjoni jiddeciedi t-Tribunal diversament presjedut fis-sentenza moghtija fl-20 ta` Frar, 2002 fil-kawza fl-ismijiet "Anthony Spiteri et Vs Edwin Caruana", illi l-eccezzjoni tal-konvenuti ghandha tigi akkolta u li konsegwentement it-Tribunal m'ghandux gurisdizzjoni *rationae materiae* sabiex jisma u jiddeciedi t-talba ntavolata mill-attur.

Wara li t-Tribunal ra l-Artikolu 10 (3) tal-Kap 380 qed jikkundanna lill-attur ihallas lill-konvenuti s-somma komplessiva ta' hamsa u ghoxrin lira Maltin (Lm25) bhala penali billi jirrizulta illi t-talba hija wahda vessatorja.

L-ispejjez tal-kawza huma a karigu tal-attur.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------